MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 55/2009

Universal Import and Export Ltd.

vs

Xuereb Glass Company Ltd.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi fejn, wara li ppremettiet illi:

1. Illi s-soċjeta' attriċi biegħet u kkonsenjat lis-soċjeta' konvenuta fuq ordni tagħha, diversi prodotti fosthom *silicone, molecular sieve, cork bumpons,* u oġġetti oħra relatati ma' l-industrija ta' l-*aluminium.*

2. Illi l-import ta' dawn il-prodotti mibjugħa lis-soċjeta' konvenuta huwa ta' mija u erbat elef ħames mija u għaxar euro u seba' ċenteżmi (€ 104,510.07) u dana kif jirriżulta mill-anness *statement* Dok. A.

3. Illi għalkemm interpellata sabiex tħallas dan il-kreditu tas-soċjeta’ attriċi li huwa ċert, likwidu u dovut, is-soċjeta’ konvenuta baqgħet ma ssaldatx l-ammont fuq imsemmi.

4. Illi fil-fehma tal-esponent is-soċjeta’ konvenuta ma jista’ jkollha ebda difiża kontra dan il-kreditu tas-soċjeta’ attriċi.

Talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta’ Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) *in vista* tad-dikjarazzjoni ġuramentata annessa Dok. B.

2. Tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ mija u erbat elef ħames mija u għaxar euro u seba’ ċenteżmi (€104,510.07) dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata 2 ta’ Lulju 2009 kif ukoll ta’ dawk tal-mandat ta’ sekwestru li jġib l-istess data tal-lum u bl-imgħaxijiet kummerċjali skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta’ konvenuta minn issa nġunta in subizzjoni .

Rat l-affidavit ta' Gul Jetho Mohnani għas-soċjeta' attriċi.

Rat ir-riferta pożittiva tas-soċjeta' konvenuta li ġiet notifikata b'dan ir-Rikors ġuramentat fis-16 ta' Lulju 2009.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-soċjeta' attriċi ta l-24 ta' Frar 2010.

Rat il-verbal tagħha ta' l-istess ġurnata fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza, in difett ta' ostakolu sa l-10 ta' Marzu 2010.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed tirreklama mingħand is-soċjeta' konvenuta l-bilanċ dovut lilha għal diversi prodotti konnessi ma' l-industrija ta' l-aluminju mibjugħa u kkonsenjati lill-istess soċjeta' konvenuta.

Fil-mori tal-kawża sar pagament akkont ta' erbgħin elf euro (EUR 40,000) u għalhekk l-ammont mitlub, kif ridott, illum huwa ta' erbgħa u sittin elf ħames mija u għaxar euro u seba' ċenteżmi (EUR 64,510.07). Billi dan huwa dejn kummerċjali iridu jitħallsu wkoll l-interessi bir-rata kummerċjali fuq l-ammont kollu oriġinarjament mitlub mid-data ta' l-istatement Dok. A anness mar-Rikors ġuramentat, u ċioe' mill-25 ta' Gunju 2009 sad-data tal-pagament ta' l-Eur 40,000 li sar fil-mori tal-kawża, u bl-imgħaxijiet fuq il-bilanċ ta' EUR 64,510.07 minn dik id-data sad-data tal-pagament effettiv.

Is-soċjeta' konvenuta baqgħet qatt ma ressqet ebda raġuni għaliex din it-talba għandha tiġi miċħuda.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi kif ridotta, u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' erbgħa u sittin elf ħames mija u għaxar euro u seba' ċenteżmi (EUR 64,510.07), flimkien ma' l-imgħaxijiet fuq l-ammont ta' mija u erbat'elef ħames mija u għaxar euro u seba' ċenteżmi (EUR 104,510.07) oriġinarjament mitlub fir-Rikors ġuramentat, mid-data ta' l-istatement Dok. A tal-25 ta' Gunju 2009 sad-data tal-pagament akkont ta' l-erbgħhin elf euro (EUR 40,000) indikati fin-nota tas-soċjeta' attriċi ta' l-24 ta' Frar 2010, u l-imgħaxijiet fuq il-bilanċ ta' erbgħa u sittin elf ħames mija u għaxar euro u seba' ċenteżmi (EUR 64,510.07) minn dik id-data sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------